**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 69

**27 ta' April, 2018**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fit-tmienja u nofs ta' filgħodu.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Frank Roe - Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

### 69.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji

**69.1.1** Kulħadd kien preżenti għal laqgħa u għaldaqstant ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

**69.2.1** Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.

### 69.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;

**69.3.1** Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista' ta' pagamenti, dokumenti li kienu iċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier F Roe ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier L Cachia Castelletti ssekondat.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

### 69.4 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* tas-sena 2017;

**69.4.1** Is-Sindku Max Zammit ippreżenta l-*Financial Statements* tas-sena 2017, u talab lis-Segretarju Eżekuttiv jispjega ir-rapport.

Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li din is-sena l-Kunsill għamel *deficit* ta' €61,969.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li tali *deficit* huwa minħabba ammont ta' *Bad Debts* li kellhom jiġu *written off* minħabba li l-kunsill m'għadux f'pożizzjoni li jiġbor dawn il-flus. Huwa kompla jgħid li l-kunsill xorta għandu pożizzjoni finanzjarja b'saħħitha u sar ħafna xogħol bżonjuż.

Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier R Portelli u ssekondata mill-Kunsillier E Muscat, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament

## 69.5 *Connecting through Culture*;

**69.5.1** Is-Sindku Max Zammit qal li l-Kunsill ma jistax japplika għal-*good causes fund* kif kien issuġġeriet mill-Eċċellenza tagħha l-President ta' Malta Marie Louise Coleiro. Dan minħabba li eliġibbli għal dan il-fond huma biss NGOs. Huwa kompla jgħid li l-kunsill sab *partner* li huma l-*Core Platform* u flimkien ser napplikaw għal dan il-fond. Dan il-fond huwa mportanti għal kunsill minħabba li l-kunsill ma ngħatax il-fondi li kien qiegħed jistenna mid-dipartiment tal-gvern lokali. Is-sena l-oħra l-kunsill ingħata 6,000 ewro filwaqt li din is-sena l-kunsill ħa biss 4,000 ewro.

Il-kunsillier L Cachia Castelletti qalet li l-kunsill għandu jitfa pressjoni fuq l-uffiċju ta' l-Eċċellenza tagħha l-President ta' Malta biex jibagħtu l-ittri lill-Ambaxxati kollha ta' Malta biex wara l-kunsill ikun jista' jibgħat ittra u jibda bil-preparamenti.

## 69.6 Għażla tal-persuni li jaġġudikaw it-*tenders*;

**69.6.1** Il-Kunsill qabel li fl-isfond taċ-ċirkulari "**Ċir AKL 2018/048 - Bordijiet ta' Aġġudikazzjoni Kuntratti u l-komunikazzjoni li rċivejna fil-25 ta' April 2018",** il-kunsill ingħata l-facilita' li jista' jagħżel tlett persuni liema jrid biex dawn ikunu appuntati fuq il-*board* ta' evalwazzjoni. Il-Kunsill qabel fuq is-segwenti:

Għat-*tender TXLC/01 Service Tender for the collection of mixed household waste and organic waste from the Locality of Ta' Xbiex in an environmentally friendly manner*

Il-Kunsill qabel li jappunta lil Kunsillier Frank Roe, Eugenio Muscat u Alfred De Manuele.

*Chairperson* is-Sindku Max Zammit.

Għat- *tender* TXLC*/02 Embelishment to landscaping areas at site of* Triq Abate Rigord and Triq il-Ħalg, Ta' Xbiex.

Il-Kunsill qabel li jappunta lil Frank Roe, Eugenio Muscat u Alfred De Manuele.

*Chairperson* is-Sindku Max Zammit.

Għat-*tender TXLC/03 Provision of Bulky Refuse collection from the locality of Ta' Xbiex in an environmentally friendly manner*.

Il-Kunsill qabel li jappunta lil Louise Cachia Castelletti, Ronnie Portelli u lil Alfred De Manuele.

*Chairperson* is-Sindku Max Zammit.

Il-Kunsill qabel ukoll li jekk l-affarijiet jerġu jinbidlu u jiġu kif talab id-dipartiment tal-gvern lokali, il-bord irid ikun magħmul minn avukat, *accountant* u terza persuna li tifhem fis-suġġett. Is-Sindku kien ippropona li nużaw l-avukat u l-*accountant* tal-kunsill u li nappuntaw it-tielet persuna skont l-ispeċifikazzjonijiet tat-*tenders*.

## 69.7 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir l-Erbgħa 30 ta' Mejju, 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija.

**69.7.1** Il-laqgħa intemmet fil-ħdax u nofs ta' filogħdu.

**Konfermati, illum l-Erbgħa 30 ta' Mejju, 2018.**

**__IFFIRMATA__________** **_IFFIRMATA______**

**Max Zammit**
**Sindku**

**Clayton Xuereb**
**Segretarju Eżekuttiv**